

32001L0100

18.1.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 16/32

**ID-DIRETTIVA 2001/100/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tas-7 ta' Diċembru 2001**

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri
dwar miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja mill-emissjonijiet minn vetturi bil-mutur**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE ⁽⁴⁾ hija waħda mid-direttivi separati taħt il-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip preskritta mid-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ⁽⁵⁾.

(2) Id-Direttiva 98/69/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 rigward l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja minn emissjonijiet minn vetturi bil-mutur u li temenda id-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE ⁽⁶⁾ introduċiet limiti speċifiċi ta' emissjonijiet għall-monossidu tal-karbonju u idrokarburi flimkien ma' test ġdid biex ikejjel dawk l-emissjonijiet f'temperaturi baxxi biex tadatta l-komportament tas-sistema tal-kontroll ta' l-emissjoni ta' vetturi tal-kategorija M₁ u kategorija N₁, klassi I, b'magni *positive-ignition* għall-kondizzjonijiet ta' l-ambjent mġarrba fil-prattika.

(3) Il-Kummissjoni iddeterminat limiti xierqa ta' temperatura baxxa għall-vetturi ta' kategorija N₁ klassi II u II b'magni

positive-ignition. Huwa issa xieraq li jkunu inklużi fil-kamp tal-vetturi tat-test ta' temperatura baxxa tal-kategorija M₁ b'magni *positive-ignition* ddisinjati biex iġorru aktar minn sitt passiġġieri u vetturi tal-kategorija M₁ b'magni *positive-ignition* li l-massa massima teċċedi 2 500 kg, li kienu esklużi qabel.

(4) Minħabba l-karatteristiċi ta' l-emissjonijiet tagħhom, huwa xieraq li jkunu eżentati vetturi b'magni *positive-ignition* li jaħdmu biss fuq karburant tal-gass (LPG jew NG) mit-test tat-temperatura baxxa. Vetturi fejn is-sistema tal-petrol hija mpogġġja għall-iskopijiet ta' emerġenza jew l-istartjar biss u meta t-tank tal-petrol ma jkollux iżjed minn 15-il litru ta' petrol, għandhom jitqiesu bħala vetturi li jistgħu jaħdmu biss b'karburant gassuż.

(5) Huwa xieraq li t-test għall-emissjonijiet b'temperatura baxxa jkun allinejat mat-test għall-emissjonijiet f'temperatura normali ambjentali. Il-test b'temperatura baxxa huwa għalhekk ristrett għall-vetturi tal-kategoriji M u N b'massa massima li ma teċċedix 3 500 kg.

(6) Id-Direttiva 70/220/KEE għandha tkun emendata kif xieraq.

ADOOTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Annessi I u VII tad-Direttiva 70/220/KEE huma permezz ta' dan emendati skond l-Anness ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex iħarsu din id-Direttiva fi żmien disa' xhur mid-dħul tagħha fis-seħħ. Għandhom jinfurmaw minnufih lil-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir din ir-referenza għandhom ikunu preskritti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-kamp kopert b'din id-Direttiva.

⁽¹⁾ ĠU C 365 E, tad-19.12.2000, p. 268.

⁽²⁾ ĠU C 139, tal-11.5.2001, p. 1.

⁽³⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Mejju 2001 (għadha mhiex publikata fil-Ġurnal Uffiċjali), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tas-16 ta' Ottubru 2001 (għadha mhiex publikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Novembru 2001 (għadha mhiex publikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁴⁾ ĠU L 76, tas-6.4.1970, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2001/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 35, tas-6.2.2001, p. 34).

⁽⁵⁾ ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2000/40/KE Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 203, ta' l-10.8.2000, p. 9).

⁽⁶⁾ ĠU L 350, tat-28.12.1998, p. 1.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Diċembru 2001.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

N. FONTAINE

Għall-Kunsill

Il-President

I. DURANT

ANNEX

EMENDI GĦALL-ANNESS I TAD-DIRETTIVA 70/220/KEE

1. It-tabella I.5.2., tip VI, għandha tinbidel b'li ġej:

Test tal-approvazzjoni tat-tip	Vetturi bil-magna <i>positive-ignition</i> tal-kategoriji M u N	Vetturi bil-magna <i>compression-ignition</i> tal-kategoriji M ₁ u N ₁
"Tip VI	Iva (massa massima ≤ 3,5 t)	—

2. Taqsima 5.3.5. għandha tkun emendata kif ġej:

Ir-referenza għan-nota f'qiegħ il-paġna 1 u n-nota f'qiegħ il-paġna innifisha għandhom ikunu mħassra.

3. It-taqsima 5.3.5.1. għandha tinbidel b'li ġej:

"5.3.5.1. Dan it-test għandu jsir fuq il-vetturi kollha tal-kategorija M₁ u N₁ mgħammra b'magna *positive-ignition* ħliet dawk il-vetturi li jaħdmu biss fuq karburant gassuż (LPG jew NG). Vetturi li jistgħu jingħataw karburant kemm petrol jew gass, imma fejn is-sistema tal-petrol hija iffittjata għall-iskopijiet ta' emerġenza jew startjar biss u li t-tank tal-petrol ma jistax ikollu iżjed minn 15-il litru ta' petrol jitqiesu għat-test tat-Tip VI bħal vetturi li jistgħu jaħdmu biss fuq karburant gassuż.

Vetturi li jistgħu jingħataw kemm petrol jew LPG jew NG għandhom ikunu eżaminati fit-test Tip VI fuq il-petrol biss.

Din it-taqsima hija applikabbli għal tipi ġodda ta' vetturi tal-kategorija M₁ u tal-kategorija N₁, klassi I, ħliet vetturi ddisinjati biex iġorru aktar minn sitt passiġġieri u vetturi li l-massa massima tagħhom teċċedi 2 500 kg ⁽¹⁾.

Mill-1 ta' Jannar 2003, din it-taqsima hija applikabbli għal tipi ġodda ta' vetturi tal-kategorija N₁ klassijiet II u III, tipi ġodda ta' vetturi tal-kategorija M₁ ddisinjati li iġorru aktar minn sitt passiġġieri u tipi ġodda ta' vetturi tal-kategorija M₁ b'massa massima ikbar minn 2 500 kg imma ma taqbiżx 3 500 kg.

⁽¹⁾ Din it-taqsima hi applikabbli għal tipi ġodda mill-1 ta' Jannar 2002."

4. It-tabella fit-taqsima 5.3.5.2 għandha tinbidel bit-tabella li ġejja:

Temperatura tal-test 266 K (- 7 °C)			
Kategorija	Klassi	Massa ta' carbon monoxide (CO) L ₁ (g/km)	Massa ta' idrokarburi (HC) L ₂ (g/km)
"M ₁ ⁽¹⁾	—	15	1,8
N ₁	I	15	1,8
N ₁ ⁽²⁾	II	24	2,7
	III	30	3,2

⁽¹⁾ Ħliet vetturi ddisinjati biex iġorru aktar minn sitt passiġġieri u vetturi li l-massa massima tagħhom taqbeż 2 500 kg.

⁽²⁾ U dawk il-vetturi tal-kategorija M₁ li huma speċifikati fin-nota 1."

EMENDI GĦALL-ANNESS VII TAD-DIRETTIVA 70/220/KEE

5. L-ewwel sentenza tat-taqsima 1 għandha tkun emendata kif ġej:

"1. Dan l-Anness japplika biss għall-vetturi b'magni *positive-ignition* kif imfissra fit-taqsima 5.3.5. ta' l-Anness I."

6. L-ewwel sentenza tat-taqsima 2.1.1 għandha tkun emendata kif ġej:

"2.1.1. Dan il-kapitolu jittratta t-tagħmir meħtieġ għal testijiet ta' emissjoni ta' *exhaust* f'temperatura ambjentali baxxa fuq vetturi mgħammra b'magni *positive-ignition*, kif definiti fit-taqsima 5.3.5. ta' l-Anness I."

7. Fit-taqsima 4.3.3, ir-referenza għan-nota f'qiegħ il-paġna għandha titħassar, kif ukoll in-nota innifisha.